MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 240/2009

**ADS System Limited (C28662)**

**-vs-**

**Slipform Engineering International Limited (C14284)**

**Il-Qorti,**

Rat li s-socjeta' ADS System Limited nhar it-tletin ta' Gunju 2009 ipprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' Slipform Engineering International Limited thallasha l-ammont ta' disat elef, sebgha mija w tnejn u tmenin Ewro w erbatax-il centezmu (€9782.14) rapprezentanti bilanc cert, likwidu u dovut skond fatturi mibghuta, ghal servizzi moghtija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (1337/2009) u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-

pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li fl-ewwel (1) t'Ottubru, 2009 is-socjeta' konvenuta Slipform Engineering International Limited ipprezentat ir-risposta taghha fejn esponiet:

*Illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti skond kif dedotta fir-Rikors odjern minnha pprezentat kontra s-socjeta' esponenti hija ghal kollox infondata fil-datt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti u dan billi kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza:-*

*1. Is-socjeta' rikorrenti m'ghamlitx ix-xoghol kollu li kellha taghmel skond kif gie miftiehem bjen il-partijiet; u*

*2. Oltre dan, ix-xoghol li sar ma sarx skond ma titlob is-sengha u l-arti u minhabba f'hekk kellu jigi rimedjat mis-socjeta' ntimata stess, a spejjez taghha.*

*Salve eccezzjonijiet ohra.*

Rat li nhar il-hmistax ta' Dicembru 2009, xehed **Stephen Fenech** (a fol. 12) li ddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' financial controller mas-socjeta' attrici. Ikkonferma li skond statement li esebixxa prezenzjalment u li gie mmarkat Dok Z, is-socjeta' konvenuta ghad fadlilha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef seba' mija u tnejn u tmenin Ewro w erbatax-il centezmu (€9782.14) rapprezentanti servizz lilha moghti kif jidher minn varji invoices immarkati komplessivament bhala Dok. Z1.

Xehed ukoll **David Spiteri Fiteni** (a fol. 72) li qal li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Systems Engineer mas-socjeta' attrtici u li kull darba li kien isir xi xoghol ghand xi klijent hu kien inkarigat li jaghddi d-dokumentazzjoni lid-diapartiment tal-finanzi ghall-hlas. Gie muri l-invoices

immarkati bhala Dok. Z1 u spjega li hafna minnhom kienu jghaddu minn taht idejh u hu kien jghaddihom lid-dipartiment tal-finanzi.  Spjega inoltre li d-dokument imwahhal mal-invoice huwa *job sheet* li fiha jkun hemm miktub ix-xoghol li effettivament ikun sar ghand il-klijent u ghal liema xoghol ikun qed jintalab il-hlas.  Qal ukoll li naturalment il-klijent ikun iffirma fuq din il-*job sheet* ghax-xoghol li jkun sarlu w b'hekk ikun hemm konferma li effettivament is-servizz ikun inghata.

Kompla jixhed fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2010 (a fol. 75 et seq) fejn ghall-mistoqsija jekk kienx ikun prezenti meta kien isir ix-xoghol, wiegeb li mhux dejjem kien ikun hemm ghaliex huma kienu tim ta' nies.  Zied li jekk il-klijent ma kienx sodisfatt li jkun sar ix-xoghol ma kellux jiffirma l-job sheet.

In ri-ezami gie muri d-dokument esebit a fol. 16 tal-process u gie mistoqsi xi tfisser "received by", u spjega li din tfisser li l-klijent ikun ircieva s-servizz.  Qal li sussegwentement kienet saret laqgha fil-lukanda stess fejn anke kienu prezenti l-financial controller u l-manager, biex jiddiskutu l-hlas. Qal li fil-fatt kien intlahaq ftehim fuq schedule ta' pagamenti, pero' l-hlas effettiv baqa' ma sarx.  Kompla li skond ma jaf hu, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni

fuq xi kontijiet u kien ghalhekk li kienu waslu ghal dan il-ftehim, u zied li min ikun iffirma tkun persuna teknika u allura kienu riedet tikkontesta s-servizz setghet tikteb xi notament fuq il-job sheet.  Pero' f'dan il-kaz dan ma sarx.

Fil-hamsa w ghoxrin ta' Frar, 2010 xehed ukoll **Aidan Formosa** (a fol. 77 et seq.) li qal li huwa ilu IT Manager mas-socjeta' konvenuta ghal dawn l-ahhar tliet snin.  Qal li huma kienu qabbdu lis-socjeta' attrici biex tipprovdi n-network kollu tas-socjeta' Slipform Engineering International Limited kif ukoll dik tal-lukanda.  Spjega li l-progett kien jikkonsisti f'li s-socjeta' attrici tittermina t-terminals kollha li kien hemm madwar il-lukanda, tillejbiljahom u tittestjahom.  Qal li bicca kbira minn dan il-progett tal-cables kien tlesta, pero' fejn jidhol labelling u

testing ma kienx sar. Progetti ohrajn, bhal firewall, ma sarx. Xi progetti ohrajn bhal per ezempju back up ma sarx kollu u kien hemm xoghol iehor bhal termination ta' fibres fejn kellhom iqabbdu kumpaniji ohrajn biex jaghmluh. Sostna li peress li kellhom klijenti gejjin, kieku dan il-progett ma tlestiex, kienu jitilfuhom. Zied li f'April 2009 is-socjeta' attrici kienet qabdet u tterminat il-kuntratt permezz ta' e-mail, li hu esebixxa bhala Dok. CSH.

Mistoqsi jekk huma kinux jgharrfu lis-socjeta' attrici bil-problemi li kienu qed jiltaqghu maghhom huwa wiegeb fil-posittiv u zied li fil-fatt huma kienu konsulenti w qabel ma nbniet il-lukanda kienu jkunu prezenti ghal hafna mil-laqghat. Kompla li kienu jzommuhom infurmati x'kien qed jigri.

Qal li progett li skond is-socjeta' attrici kellu jiehu certu zmien, kumpanija ohra , cioe' l-Computime, lestietu fi zmien jumejn, ghaliex kieku ma lestewx kienu se jitilfu kuntratt kbir. Mistoqsi jekk kienx hemm xi korrispondenza dwar li ma kinux sodisfatti bix-xoghol, stqarr li kienu jigru warajhom permezz ta' e-mails, u peress li dejjem kien ikun hemm xi hadd mis-socjeta' attrici prezenti fuq il-post, kienu anke jaghmlu l-ilmenti taghhom b'mod verbali. Obbliga ruhu li fis-seduta ta' wara jipprezenta l-korrispondenza skambjata bejniethom.

Sussegwentement rega' xehed nhar id-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2010 u esebixxa e-mail li l-Qorti mmarkat bhala Dok. CSH 1, set ta' sitt e-mails immarkati komplessivament bhala Dok. CSH 2 u ritratti tax-xoghol kif thalla mis-socjeta' attrici, immarkati bhala Dok. CSH 3 kif ukoll ritratti li jindika x-xoghol kif effettiment tlesta mis-socjeta' konentua bhala Dok. CSH 4. Qal ukoll li kellu jkun hemm sistema ta' testing u labelling li qatt ma saru.

**Aidan Formosa** rega' xehed fis-seduta tal-ghaxra ta' Gunju, 2010 fejn gie muri dokumenti a fol. 15 u 16 u sostna li dawn m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li hu xehed fis-seduta precedenti u lanqas mad-dokumentazzjoni li hemm esebita wara. Qal li lanqas id-dokumentazzjoni esebita a fol. 84 sa 114 m'hi relatata, u

zied li dawn kienu gewipprezentati qabel mis-socjeta' attrici. Kompla li hu kien esebixxa d-dokumentazzjoni a fol. 84 et seq ghaliex hass li kellu jaghmel dan peress li l-progett ma kienx kompletat.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar il-prova li ghandha tressaq is-socjeta' attrici fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* **<u>Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco</u>** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa f'dan il-kaz is-socjeta' attrici qed tghid li hija tat servizz lis-socjeta' konvenuta konsistenti f'installazzjoni mill-gdid ta' sistema kompjuterizzata, u dan ghaliex is-sistema li kien hemm *in situ* ma kinitx tajba ghas-socjeta' konvenuta, skond ma qalu x-xhieda tas-socjeta' attrici ghaliex ma setghetx tlahhaq ma' dak rikjest minnha.

Is-socjeta' attrici ressqet lil *Financial Controller* taghha, certu Stephen Fenech, jikkonferma li d-debitu msemmi fir-rikors promotur fis-somma ta' disat elef seba' mija u tnejn u tmenin Ewro w erbatax-il centezmu (€9782.14), rapprezentanti servizz lilha moghti kif jidher minn varji invoices immarkati komplessivament bhala Dok. Z1, u kif muri fl-statement li esebixxa markat Dok Z, kien ghadu dovut.

Is-socjeta' attrici ressqet ukoll lil David Spiteri Fiteni, li huwa l-Engineer li kien inkarigat minn dan il-progett. Spjega illi huwa ma kienx imur fuq is-sit kuljum izda kien imur spiss. Kien jiehu hsieb pero' li kull bicca xoghol li kienu jaghmlu l-impjegati tas-socjeta' attrici kien ikollha *job sheet* u din kienet tigi ffirmata mill-impjegati tas-socjeta konvenuta', u dan sabiex ikollu prova tax-xoghol li effettivament kien sar. Ghalih il-fatt li l-impjegati tas-

socjeta' konvenuta kienu jiffirmaw l-*invoices* u l-*job sheets* kien ifisser li fl-ewwel lok is-servizz inghata, u fit-tieni lok kienu kuntenti b'dak li kien qed isir, u bl-iffirmar ta' dawn il-*job sheets* l-impjegati tas-socjeta' konvenuta, li kienu nies teknici, kienu qed japprovaw dak li kien qed isir. Is-socjeta' konvenuta qatt ma kkontestat xi firma fuq dawn l-istess dokumenti, izda qalet li s-socjeta' attrici fil-fatt ma ghamlitx installazzjoni mill-gdid izda rrangat xi trufijiet li kien hemm pendenti.

Sussegwentement dan Spiteri Fiteni spjega wkoll li kienet saret laqgha fil-lukanda stess, proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, fejn anke kienu prezenti l-*financial controller* u l-manager tas-socjeta konvenuta, biex jiddiskutu l-pendenza w meta kellu jsir il-hlas effettiv. Qal li fil-fatt kien intlahaq ftehim fuq *schedule* ta' pagamenti, pero' l-hlas effettiv baqa' ma sarx. Kompla li skond ma jaf hu, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni fuq xi kontijiet u kien ghalhekk li kienu waslu ghal dan il-ftehim, u zied jispjega li min ikun iffirma dawn il-*job sheets* kienet tkun persuna teknika w allura kieku s-socjeta' konvenuta riedet tikkontesta s-servizz tas-socjeta' attrici setghet tikteb xi notament fuq il-*job sheet* u tindika l-lament taghha. Pero' f'dan il-kaz ma sar xejn minn dan.

Is-socjeta' konevenuta ressqet lil Aidan Formosa, l-I.T. Manager taghha ghal dawn l-ahhar tliet snin. Ikkonferma li kienu qabbdu lis-socjeta' attrici biex tirranga n-*network* kollu taghhom. Ikkonferma li l-progett kien jikkonsisti f'li s-socjeta' attrici tittermina t-terminals kollha li kien hemm madwar il-lukanda, tillejbiljhom u tittestjahom. Qal li l-bicca l-kbira minn dan il-progett tal-cables kien tlesta, pero' fejn jidhol *labelling* u *testing* dan ma kienx sar. Progetti ohrajn, bhal *firewall* u *back up* ukoll ma sarux. Zied ighid ukoll li kien hemm xoghol iehor bhal *termination* ta' *fibres* fejn kellhom iqabbdu kumpaniji ohrajn biex jaghmluh. Sostna li peress li kellhom klijenti gejjin, kieku dan il-progett ma tlestiex, kienu jitilfuhom.

In oltre zied jghid li f'April 2009 is-socjeta' attrici kienet qabdet u tterminat il-kuntratt permezz ta' *e-mail*, li hu esebixxa bhala Dok. CSH. Ikkonferma li huma kienu

jinfurmaw lis-socjeta' attrici bl-ilmenti taghhom, pero' din qatt ma semaghthom u ma sar xejn dwarhom. Ikkonferma li anke skambju ta' *e-mails* kien hemm dwar dawn l-ilmenti u fil-fatt esebixxa Dok CSH1 li hija *e-mail* mibghuta mis-socjeta' minnu rapprezentata lis-socjeta' attrici, esebixxa wkoll, kif imsemmi aktar 'il fuq, sett ta' sitt *e-mails* immarkati komplessivament bhala Dok. CSH 2, u ritratti tax-xoghol kif thalla mis-socjeta' attrici, immarkati bhala Dok. CSH 3, kif ukoll ritratti li jindika x-xoghol kif effettivament tlesta mis-socjeta' konvenuta, li huma ndikati bhala Dok. CSH 4. Qal ukoll li kellu jkun hemm sistema ta' testing u labelling li qatt ma saru.

Illi s-socjeta' konvenuta pero' qatt ma cahdet li kien hemm dawn il-kontijiet pendenti u ma qalet xejn dwar dak li qal l-Inginier Spiteri Fiteni dwar il-fatt li huwa stqarr li l-kontendenti f'din il-kawza kienu ltaqghu sabiex jiddiskutu l-pendenza, u fil-fatt skond dan Spiteri Fiteni s-socjeta' konvenuta kienet accettat li thallas l-ammont dovut tant li anke sar *payment programme*. Minn dan kollu pero' ma sar xejn.

Is-socjeta' konvenuta tramite x-xhud taghha tghid li x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici ma kienx tajjeb u kien difettuz ghax kellu diversi nuqqasijiet. Dan nonostante pero', minn imkien ma jirrizultaw dawn il-lamenti salv fix-xhieda li ta dan Formosa fil-Qorti. Lanqas minn ezami tal-*e-mails* ma jirrizulta li effettivament ix-xoghol ma kienx sar skond is-sengha w l-arti. Is-socjeta' konvenuta fl-ebda hin ma tittenta tghid liema parti tal-kont huwa dovut u liema m'huwiex, tghid biss li ma hallsitx ghax-xoghol li sar ghax fil-fehma taghha ma kienx sodisfacenti. Minn ezami tal-*e-mails* esebiti jirrizulta biss li kien hemm dewmien mhux li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti.

Jidher minn ezami tal-*e-mail* datata 28 ta' Jannar 2008, esebita a fol. 96 tal-atti mibghuta minn David Spiteri Fiteni lil Aidan Formosa, li kien hemm xi trattativi dwar il-pendenza odjerna fejn kienu ftehmu li kienet ser titnaqqas is-somma ta' *LM288 excluding VAT* mill-istima mibghuta mal-*purchase order*. Dwar din il-prova s-socjeta' attrici

ma tghid xejn, u ghalhekk hija din is-somma li din il-Qorti sejra tnaqqas mis-somma globali dovuta.

Il-Qorti fliet l-*e-mails* li gew skambjati u minn imkien ma jirizulta li kien hemm in-nuqqas li dwaru tkellmu x-xhieda tas-socjeta' konvenuta u cioe' li ma kienx hemm *back up* jew addirittura ma kienx hemm *firewall*.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost il-Qorti mhix konvinta li effettivament ix-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti u li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta huma tattici sabiex ma taghmilx il-hlas minnha dovut. Temmen biss li verament kien hemm dewmien u minhabba dan id-dewmien il-partijiet iddecidew li jnaqqsu s-somma ta' mitejn u tmienja w tmenin Lira Maltin (LM288) minn dak mitlub minnha fir-rikors promotur.

**Ghalhekk filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ndikata fir-rikors promotur fis-somma ta' disat elef, sebgha mija w tnejn u tmenin Ewro w erbatax-il centezmu (€9782.14) u li minnha jitnaqqas l-ammont ta' sitt mija w sebghin Ewro u sitta w tmenin centezmu €670.86 (ekwivalenti ghal LM288) li dwarhom kien hemm ftehim. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici is-somma ridotta ta' disat elef, mija u hdax-il Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€ 9111.28).**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, kif ukoll l-imghax skond il-Ligi, ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------